**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 58/22 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1016/2010)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Ara Dok A anness) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifel wiehed, E mwieled nhar is-sittax (16) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) w'ghaldaqstant ghadu minorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella mit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) (Ara Dok B anness);

3. Illi fil-konfront tal-wild ma hemmx arretrati dovuti;

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnet il-partijiet stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' C D li permezz taghha in segwitu ghan- notifika lilha tar-rikors ta' Divorzju tiddikjara li ma topponiex ghad-Divorzju stante illi ma hemm ebda possibbilita` ta' rikonciljazzjoni u li l-ispejjez u l-manteniument huma kollha mhallsin;

L-esponenti topponi ghall-ispejjez tal-procedura tad-Divorzju li ghandhom jigu mhallsa mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Marzu 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Gunju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.